LAQGĦA ANNWALI ĠENERALI – 2015

Il-wieħed u għoxrin laqgħa annwali ġenerali għas-sena 2015 inżammet fis-sala tal-Kunsill Lokali tar- Rabat Għawdex, nhar il-Ħamis, 26 ta' Frar 2015 fis-18.30.

Preżenti:
Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joe Debrincat, Michel Buttiġieġ, Marcel Tabone, Anthony Briffa u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

Skużata:
Il-membru Maria Portelli.

Talba:
Wara t-talba ġew approvati l-minuti tal-laqgħa tas-sena li għaddiet.

Rapport tas-Sindku:

Is-Sindku ressaq rapport dettaljat ta' xogħolijiet li tkomplew u twettqu matul is-sena 2014 li jinsab anness.

Intervent mill-Pubbliku:

1. Saret mistoqsija rigward it-traffiku u l-parkeġġ fl-*area* ta' fejn qed isir il-proġett tal-ERDF. Is-Sindku spjega li kollox ser jibqa' kif kien qabel.

2. Tressaq ilment li sakemm qed isir dan il-proġett ir-residenti ta' Triq l-Assunta, speċjalment dawk li għandhom garaxx mad-dar, ma jistgħux jidħlu bil-vettura tagħhom f'din it-triq peress li l-aċċess magħluq minn Pjazza Savina. Il-Kunsill ser jitlob il-parir ta' *Transport Malta* sabiex din it-triq tiġi *no entry* ħlief għar-residenti, minn Triq Dawwara.

3. Dwar il-blokka tal-konkos li permezz tagħha ingħalqet Triq Mons. Luiġi Vella, s-Sindku spjega li meta jkun qed jitwettaq proġett, il-Kunsill ikun irid joqgħod fuq l-ordnijiet tal-*Occupational Health and Safety Authority* li kienet l-awtorita' li ordnat li din it-triq tingħalaq. Is-Sindku spjega wkoll li l-istess awtorita' ordnat diversi miżuri oħra li ma kienux prattiċi peress li fl-*area* fejn qed isir il-porġett hemm ir-residenti. Il-Kunsill saħaq mal-awtorita' sabiex waqt li qed jitwettaq il-proġett, dejjem ikun hemm aċċess adekwat.

4. Residenti staqsew meta ser jitlesta dan il-proġett. Is-Sindku tenna li l-programm tax-xogħolijiet ittardja peress li kien hemm sejbien arkeoloġiku.

5. Resident qal li l-Kunsill għandu jkun kburi li qed iwettaq dan il-proġett u tenna li l-Kunsill għandu aktar jisma' l-ilmenti tar-residenti u s-sidien tal-ħwienet li b'xi mod jew ieħor intlaqtu negattivament minħabba x-xogħolijiet.

6. Rigward Pjazza San Franġisk ġie rrappurtat li m'hemmx bankini liberi għall-*pedestrians* minħabba l-parkeġġ illegali jew ikunu meħudin mill-imwejjed u s-siġġiejiet tal-ħwienet tax-xorb.

7. Minħabba s-CCTV *camera* ta' Pjazza San Franġisk, il-Kunsill ġie mistoqsi kemm ħin vettura tista' tiġi pparkjata barra minn *parking bay*. Is-Sindku qal li sakemm ma tkunx tostakola t-traffiku, vettura tista' tistenna 10 minuti. Tenna li bħala Presidnt tar-Reġjun, ordna li kull citazzjoni li nħarġet mhux skont dan, bejn Diċembru 2014 u Frar 2015, għandha tiġi rtirata.

8. Ġie rappurtat li Triq Sir Luiġi Camilleri għandha bżonn urġenti tal-*patching*. Dan ser isir fil-ġranet li ġejjin.

Is-Sindku rringrazzja lir-residenti li għoġobhom jipparteċipaw f'din il-laqgħa li spiċċat fit-20.00.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |